MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Numru. 467/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**

**vs**

**omissis**
**Malcolm Mifsud**
**Luke Farrugia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati omissis u l-imputat Malcolm Mifsud ta’ 21 sena, iben Michael u Mary Rita nee’ Camilleri imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Marzu 1985 u residenti 182, St. Helen Str, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ numru 230785(M) u l-imputat Luke Farrugia ta’ 18-il sena, iben David u Maria Regina nee’ Mazzelli, imwieled Pieta’ fit-22 ta’

Novembru 1987 u residenti Saturn Flats, Nru.6, Fleet Str. Gzira u detentur tal-karta tal-identita' numru 530087(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fil-15 ta' Mejju 2006 ghall-habta ta' l-4:30 p.m. fin-Naxxar ikkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni KBC 857, li kien fiha senter tal-kacca, cinturin mimli bl-iskratac u affarijiet ohra, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, xorta tal-haga misruqa u l-valur li jeccedi l-elf lira (Lm1000) sar ghad-dannu ta' Raymond Pirotta minn Naxxar;

Fl-istess data, bejn l-4:30 p.m. u l-4:50 p.m., f' lokalitajiet differenti f' dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg u cioe' l-vettura u l-affarijiet imsemmija, misruqa, mehudha b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b' kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Fil-15 ta' Mejju 2006 bejn l-4:30 p.m. u l-4:50 p.m., f' lokalitajiet differenti f' dawn il-Gzejjer kienu fil-pussess jew kontroll, jew kellhom f' idejhom jew fuqhom arma tan-nar u cioe', senter tal-kacca u munizzjon, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Fil-15 ta' Mejju 2006 bejn l-4:30 p.m. u l-4:50 p.m., f' lokalitajiet differenti f' dawn il-Gzejjer saqu vettura, u cioe' dik imsemmija aktar 'l fuq, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, b' hekk ma kienux koperti b' polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;

Lil omissis wahdu akkuzat talli rrenda ruhu ricediv b' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Malcolm Mifsud wahdu akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 10 ta' Mejju 2004 u 5 t' April 2006, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Luke Farrugia wahdu akkuzat bi ksur tal-probation a tenur ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati b’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 6 ta’ Marzu 2005 u illiberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu u cioe’ li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 8 ta’ Marzu 2007(esebita a fol. 327 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

FIL-KONFRONT TA’ OMISSIS U MALCOLM MIFSUD

(a) fl-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279 (b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 334 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikolu 3(1A) ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) (illum 5(1) u 51(2) ta’ l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)) ;
(d) fl-artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(e) fl-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(f) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali ;
(g) fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali ;

FIL-KONFRONT TA’ LUKE FARRUGIA
(a) fl-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 334 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikolu 3(1A) ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) (illum 5(1) u 51(2) ta’ l-Att dwar l-Armi (Kap. 480));
(d) fl-artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(e) fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(f) fl-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(g) fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat li waqt l-udjenza tat-30 ta’ Mejju 2007 l-imputati iddikjaraw li huma m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz

taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-15 ta' Mejju 2006 ghall-habta tal-4.30pm il-pulizija tal-Mobile Squad intercettaw vettura tal-ghamla Peugeot 306, ta' kulur griz u bin-numru tar-registrazzjoni HAW 931 u dan fl-inhawi tal-Mekkek Bar, San Gwann. Fil-hin li giet intercettata l-vettura kienet qed tinstaq mll-imputat Malcolm Mifsud u bhala front seat passenger kien hemm l-imputat Luke Farrugia u fuq wara kien hemm Alfred Bugeja. Fil-vettura instab senter tal-kacca tal-marka Antonio Zoli bis-serial number 214257 u dan kien fuq is-seat ta' wara hdejn Alfred Bugeja izda l-imputat Malcolm Mifsud accetta r-responsabilita' ghall-imsemmi senter u qal li kien sab u gabar dan is-senter minn hdejn skip. Meta saret tfittxija ulterjuri fil-vettura instabu zewg imwies li l-imputat Mifsud qal li kien juzahom ghal bahar. Mill-ewwel indagni li ghamlet il-Pulizija irrizulta li is-senter li nstab fil-vettura kien ghadu kemm insteraq ftit tal-minuti qabel ma l-vettura misruqa minn Malcolm Mifsud giet intercettata mill-Mobile Squad u dan kien insteraq min-Naxxar waqt li kien f'vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni KBC 857 meta sid l-imsemmi vettura, certu Raymond Pirotta, kien halla l-vann parkeggjat bic-cwievet fih fi Triq 21 ta' Settembru in-Naxxar waqt li nizel jixtri minghand l-ironmonger. Il-vettura (vann) gie misjub aktar tard mill-Pulizjia fil-Wied ta' San Gwann fil-post indikat lilhom minn Alfred Bugeja.

Fl-istqarrija minnu rilaxxjata fis-16 ta' Mejju 2006 (inserita a fol. 79 sa 81 tal-process) l-imputat Malcolm Mifsud qal li s-senter kien sabu ftit tal-minuti qabel ma gie mwaqqaf mill-Pulizjia u kien sabu hdejn skip izda ma kienx f'posizzjoni jindika fejn kien dan l-iskip u ghalhekk qal li fil-

fatt kien sab is-senter hdejn hajt tas-sejjieh u kien uza il-kelma skip ghaliex ghalih dan kien oggett mormi.

L-imputat l-iehor Luke Scicluna wkoll irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 82 sa 84 tal-process) fejn qal li huwa ma kien jaf xejn dwar il-vann Toyota u s-senter izda spjega li huwa kien inghata lift minghand Malcolm Mifsud ghall-habta tal-4.40pm waqt li kien miexi fit-Telgha tas-Savoy u sejjer lejn Ta' Gorni. Huwa qal ukoll li ftit aktar 'il fuq waqfu ghaliex raw lil Alfred Bugeja qed jimbotta il-vettura tieghu u dan qalilhom li kienet waqfitlu u huma ghalhekk tawh lift ukoll.Huwa spjega li waqt li kien riekeb ma Malcolm Mifsud dan waqqaf il-vettura fil-Wied ta' San Gwann u allontana ruhu mill-vettura u wara ftit tal-hin gie lura b'senter f'idejh u cinturin bl-iskratac u qallu li kien sabu barra.

Ikkunsidrat:

Illi iz-zewg imputati qed jigu akkuzati bis-serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa in kwantu jirrigwarda il-vann tal-marka Toyota bin-numru tar-registrazzjoni KBC 857 u bis-senter u c-cinturin skratac li kienu fl-imsemmija vettura liema serq sar min-Naxxar fil-15 ta' Mejju 2006. Mill-provi irrizulta li meta iz-zewg imputati odjerni gew imwaqqfa mill-pulizija tal-Mobile squad, f'San Gwann, ftit tal-hin biss wara li il-vann Toyota u s-senter kienu gew irrapurtati neqsin (sid il-vann fil-fatt kien ghadu l-Ghassa meta dahlet it-telefonata li kienu twaqqfu l-imputati u li kellhom fil-pussess taghhom is-senter misruq) huma kellhom fil-pussess taghhom is-senter misruq kif ukoll ic-cinturin bl-iskratac u wiehed miz-zewgt imwies li wkoll kien fil-vann misruq fil-mument li nsteraq.

Ikkunsidrat:

F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni qed issostni li ghalkemm ma hemm ebda prova diretta li z-zewg imputati odjerni kienu involuti fis-serq tal-vann is-sejbien tas-senter u tal-mus li kienu fl-vann fil-mument li dan insteraq huwa prova li huma fil-fatt kienu involuti fis-serq tal-istess vann u l-

Prosekuzzjoni ghalhekk qed tinvoka f'dan ir-rigward l-hekk imsejha teorija tar-*recent possession*.

Il-Qorti jidrilha li una volta lli l-Prosekuzzjoni qed tibbaza il-kaz taghha kontra l-imputati fuq l-imsemmija teorija ikun opportun li wiehed jezamina xi stabilew il-Qrati Taghna u x'qalu awturi barranin rigward l-applikabilita' ta' din it-teorija. F'sentenza tas-**26 ta' Awissu 1998** il-**Qorti tal-Appell Kriminali** (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Pulizija vs Emanuel Seisun et'** qalet is-segwenti rigward din it-teorija:-

'Fil-fehma ta' din il-Qorti din it-teorija mhi xejn hlief l-applikazzjoni tal-bon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw ippruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti dawn jistghu wahedhom iwasslu ragonevolment ghall-konkluzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq ta' l-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti. Hu risaput li in tema ta' *law of evidence*, kemm-il darba ma jkunx hemm xi dispozizzjoni kuntrarja fil-Kodici taghna, il-gurisprudenza taghna ssegwihafna dik Ingliza, u ma hemm certament xejn x' wiehed jiccensura fil-fatt li l-Ewwel Qorti ccitat gurisprudenza u awturi Inglizi. Din il-Qorti ukoll ser tikkwota mill-ahhar edizzjoni ta' *Archbold* peress li hi tal-fehma li l-bran li gej jitratta bl-aktar mod konciz u preciz il-kwistjoni kollha marbuta ma' din it-teorija:

"*There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The "rule" (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted , that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be also directed: see* ***R vs Loughlin****, 35 Cr. App.R.69;* ***R. vs Seymour,*** *38 Cr. App.R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.*

In **R. v Smythe**, 72. Cr. App. R.8.C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence, 5th ed., p. 49 (now 8th ed.p.35): "*If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as on of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen good are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.*

*Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with other available evidence*"

(Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126);

U aktar ‘il quddiem jinghad:

“*What constitutes “Recent possession” depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case… In* ***R. v Smythe****…Kliner Brown J., giving the Court of Appeal’s judgment said: “Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence*” (para. 21-320)’

Fil-kaz in dizamina ma hemm l-ebda dubju li z-zewg imputati Malcolm Mifsud u Luke Farrugia instabu fil-pussess tas-senter, ic-cinturin bl-iskratac u l-mus li kienu fil-vann misruq. Huma izda ma nstabux fil-pussess tal-vann misruq innifsu u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma giex pruvat sal-grad li tirrikjedi l-ligi li s-serq tal-vann effettivament gie effetwat miz-zewg imputati odjerni. Kif qal l-awtur Ingliz Archbold (vide paragrafi precedenti) meta l-unika prova hija dik ta’ recent possession ikun impossibbli li tigi eskluza il-possibilita’ li l-persuna akkuzata tkun biss ‘receiver of stolen property’. Fl-kaz odjern il-Qorti jidrilha li gie pruvat il-pussess recenti ta’ xi uhud mill-affariijet li kienu fil-vann misruq izda dan il-fatt wahdu ma jistghax jigi kkunsidrat prova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputati effettivament serqu jew kienu partecipi fis-serq tal-vann innifsu. Il-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern il-fatt li ftit tal-hin biss wara li insteraq il-vann l-imputati instabu fil-pussess ta’ xi whud mill-affariijet li kienu fil-vann misruq tista’ tigi kkunsidrata biss bhala prova ntiza sabiex huma jinstabu hatja tar-reat ta’ ricettazzjoni tal-oggetti li instabu fil-pussess taghhom izda mhux tas-serq tal-istess oggetti jew tal-vann li dawn l-oggetti kienu jinstabu fih fil-mument li gie misruq. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-ispjegazzjoni moghtija miz-zewg imputati il-ghala l-oggetti misruqa instabu fil-pussess taghom hija ghal kollox inverosimili u mhux kredibbli u ghalhekk jidrilha li jirrizulta pruvat li l-imputati kienu jafu li l-oggetti li nstabu fil-pussess taghhom kienu misruqa.

Iz-zewg imputati sejrin ghalhekk jinstabu hatja tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti taghhom. B'riferenza ghat-tielet(3) akkuza, u cioe' dik li l-imputati saqu vettura minghajr licenzja u minghajr ma kienu koperti b'polza ta' assikurazzjoni l-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova li xi hadd mill-imputati kien saq vettura bla licenzja jew minghajr polza ta' assikurazzjoni. Waqt it-trattazzjoni finali l-abbli Ufficjal Prosekutur qal li l-Prosekuzzjoni kienet qed tinvoka t-teorija tar-recent possession anki in kwantu jirrigwarda din l-akkuza. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fil-paragrafi precedenti in kwantu jirrigwarda l-applikabilita' ta' din it-teorija fil-konfronti tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza u tiddikjara li anki fir-rigward tat-tielet(3) akkuza l-pussess tal-oggetti li kienu fl-vann misruq ma jistghax f'dan il-kaz jitqies bhala prova li effettivament iz-zewg imputati saqu l-imsemmi vann minghajr licenzja u minghajr ma kienu koperti b'polza ta' assikurazzjoni.

Fin-nota tieghu tat-8 ta' Marzu 2007 l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija fil-konfronti taz-zewg imputati taht dak li jiddisponi l-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' pussess ta' arma tan-nar minghajr id-debita licenzja rilaxxjata mill-Kummissarju tal-Pulizija. l-Qorti jidrilha li din l-akuza tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li kif inghad aktar 'il fuq gie pruvat li huma nstabu fil-pussess ta' arma tan-nar u gie pruvat ukoll li huma ma kellhom ebda licenzja sabiex igorru tali arma tan-nar. L-imputati Luke Farrugia u Malcolm Mifsud qeghdin ghalhekk jinstabu hatja tal-imsemmija akkuza. Ghal finijiet ta' piena izda ser jitqies li kien hemm konkors ta' reati u ser jigi applikat l-Artikolu 17 fir-rigward taz-zewg imputati.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Luke Farrugia wahdu qed jigi wkoll akkuzat li kiser ordni ta' probation mahrug permezz ta' sentenza moghtija fil-konfronti tieghu mill-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta' Marzu 2005. Ghal kuntrarju ta' dak sottomess mid-Difiza ta' Luke Farrugia, kopja tal-imsemmija sentenza fil-fatt tinsab inserita in atti (a fol. 196 sa 198) u saret ukoll id-

debita prova tal-identita’ mill-Ispettur Kevin Farrugia li xehed fl-udjenza tat-12 ta’ Dicembru 2006. Din l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat Luke Farrugia ghalhekk tirrizulta ampjament pruvata u huwa ser jinstab hati taghha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Malcolm Mifsud wahdu jinsab akkuzat li sar recidiv bis-sahha ta’ zewg sentenzi moghtija fil-konfronti tieghu mill-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta’ Mejju 2004 u fil-5 ta’ April 2006 rispettivament. Kopji tal-imsemmija sentenzi jinsabu inseriti a fol. 278 u 279 u a fol. 324 u minn ezami tal-imsemmija zewg sentenzi jirrizulta li fiz-zewg kazijiet l-imputat instab hati ta reati konnessi mat-traffiku (sewqan minghajr il-karta tal-identita’ mahruga mill-ADT, sewqan minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni etcetera) Jidher ghalhekk li la huma applikabbli l-Artikoli 49 u 50 u l-anqas l-Artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li si tratta ta’ ksur ta’ regolamenti u ghalhekk japplika l-Artikolu 52 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fir-rigward. L-imputat Malcolm Mifsud sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-akkuza tar-recidiva.

Ghal finijet ta’ piena in kwantu jirrigwarda iz-zewg imputati l-Qorti rat li mill-fedini penali rispettivi taghhom jirrizulta li huma kisru dufrejhom mal-gustizzja f’aktar minn okkazzjoni wahda u gew anki misjuba hatja ta’ serq fost reati ohra. Jirrizutla inoltre li t-tnejn li huma inghataw varji opportunitajiet sabiex jirriformaw ruhhom fejn inghataw probation orders u sentenzi sospizi izda ma jidhirx li huma gharfu jaqbdu t-triq it-tajba anki ghaliex mill-istess fedini penali aggornati jirrizulta li huma regghu ikkommettew reati waqt li kienu qed igawdu mill-liberta’ provizorja in konnessjoni mal-kaz odjern u wara li huma inghataw l-opportunita’ sabiex jirriformaw ruhhom minn din il-Qorti kif diversament presjeduta. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi ikun opportun li tigi mposta piena karcerarja effettiva. In kwantu jirrigwarda l-imputat Luke Farrugia huwa qed jigi kkundannat ghar-reati li taghhom instab hati permezz tas-sentenza fejn inghata ordni ta’ probation u l-

piena li qed tigi mposta fuqu fis-sentenza odjerna tinkludi wkoll il-piena imponibbli ghal dawk ir-reati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-8 ta’ Marzu 2007 u senjatament l-Artikoli 17, 334 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat Malcolm Mifsud hati tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif ukoll tal-akkuza li garr arma tan-nar minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u tikkundannah tnax (12)-il xahar prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-8 ta’ Marzu 2007 u senjatament l-Artikoli 17, 325 (1)(a), 334 u, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Luke Farrugia hati tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif ukoll tal-akkuza li garr arma tan-nar minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-akkuza li kiser ordni ta probation impost fuqu permezz ta’ sentenza tas-6 ta’ Marzu 2005 u tikkundannah sentejn (2) prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ Lm22.50 liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------